MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 196/1998/1

**Giocchino sive Jack Galea**

**vs**

**Suor Mansueta Farrugia fis-seklu Carmela Farrugia**
**Registratur ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'kawzjoni pprezentata fir-Registru ta' l-Artijiet fil-5 ta' Dicembru, 1997, l-appellant li talab illi s-sehem mill-fond Nru. 32 u 33 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, li iddevolva fuq Suor Mansueta Farrugia fis-seklu Carmela Farrugia, ghandu jigi ikkoregut fis-sens illi "*dina r-registrazzjoni tal-kwart indiviz li gie mholli*" lilha, "*ma ghandha l-ebda bazi legali peress li in vista ta' l-Artikolu 611(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif inhi l-prassi tal-Qrati Maltija u cioe` li kull proprjeta` immobbli u/jew mobbli li tiddevolvi fuq membri religjuzi ta' regolari ghandha tghaddi fuq il-persuni li kapaci jirtu u jiddisponu fuq il-persuna/i li jaccettaw tali wirt.*"

2. L-appellata Suor Mansueta Farrugia fis-seklu Carmela Farrugia eccepiet illi l-kawzjoni hija bazata fuq informazzjoni xjentement falza kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni rilaxxjata minn Suor M. Antonia Aquilina, Superjura Provincjali tas-Sorijiet tal-Karita`, datata 21 ta' Dicembru, 1997, u cioe` li Suor Mansueta Farrugia qatt ma hadet il-voti solenni ta' poverta`;

**<u>ID-DECIZJONI APPELLATA</u>**

3. Ir-Registratur ta' l-Artijiet iddecieda li ma ghandux jilqa' t-talba tal-imsemmi appellant Galea, peress li fil-ligi Maltija hemm aspett fil-Ligi Kanonika li taghmel distinzjoni bejn religjuzi li jipprofessaw hekk maghrufa bhala voti solenni u dawk le. L-istess Registratur ikompli jelabora billi waqt li l-maggoranza ta' l-ordnijiet religjuzi maskili jiehdu l-voti 'solenni', fil-kaz ta' dawk femminili, is-sitwazzjoni hija bil-maqlub. Difatti, is-Sorijiet tal-Karita` ma jipprofessawx voti solenni ghalkemm huma regolari; u in vista tas-suespost ir-Registratur ta' l-Artijiet hass li m'ghandux jilqa' t-talba ta' Giocchino sive Jack Galea.

**<u>L-APPELL TA' GIOCCHINO SIVE JACK GALEA</u>**

4. L-imsemmi Giocchino sive Jack Galea hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha, quddiem dina l-Qorti ta' l-Appell billi espona kif gej:-

"(I) Illi l-fatt graw hekk: li l-fond Nru. 32 u 33 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex, kien imholli b'testment maghmul mill-mejta xebba Maria Antonia Farrugia bint il-

mejtin Giovanni u Giuseppa nee` Galea u liema testment sar fl-20 ta’ Ottubru, 1978, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Maurice Gambin;

(II) Illi dan il-fond gie diviz f’erba’ porzjonijiet liema porzjon minnhom gie mholli lil Suor Mansueta Farrugia (fis-sekolu Carmela), li twieldet Sannat, Ghawdex, u toqghod fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Karita` fil-Konservatorju Veskovili, fir-Rabat, Ghawdex, u li prezentement qed tabita fil-monasteru fl-indirizz Triq Manreza, Munxar, Ghawdex;

(III) Illi preliminarjament id-dikjarazzjoni tas-Superjura Provincjali tas-Sorijiet tal-Karita` i.e. Suor M. Antonia Aquilina u datata 21 ta’ Dicembru, 1997, ghandha tigi sfilzata peress li d-dikjarazzjoni ghandha tigi sostitwita minn affidavit guramentat;

(IV) Illi r-regolamenti ta’ l-istess Monasteru jaghmluha ampjament cara u hawnhekk nikkwota THE RULE OF LIFE pagina 57 fl-istatut 3.3.12: *Each sister keeps the radical ownership of her personal goods and the right to acquire others……..* L-imsemmi Statut juza t-terminu *goods* u mhux *property*. Dan ifisser li l-istess Statut qed jaghmel referenza ghall-oggetti personali li soru normalment tuza ghall-bzonnijiet taghha ta’ kuljum. It-terminu *property* ghandu tifsira usa minn dik ta’ *goods* u cioe` proprjeta` immobbli;

(V) Illi l-imsemmija Suor Mansueta Farrugia fis-sekolu Carmela hija soru regolari u ghalhekk kull proprjeta` li tista’ tiddevolvi fuq isimha ma tistax tigi iddikjarata bhala l-proprjetarja ta’ l-istess fond in kwistjoni. Tant hu hekk li hija ddikjarat sollennament li hija l-*Gharusa ta’ Kristu* meta accettat il-voti ta’ meta dahlet soru. Infatti tant hija soru regolari li hija ccelebrat il-Gublew tad-Deheb fis-17 ta’ Settemrbu, 1989, u bidlet isimha fis-sekolu. Hija baqghet hekk matul dan iz-zmien kollu sa dan il-mument. Tant Suor Mansueta Farrugia hija regolari li kull beneficcju tas-sigurta` socjali li tircievi jghaddi awtomatikament fil-proprjeta` tal-monasteru li tieghu hija soru regolari;

(VI) Illi in vista tas-suespost il-bazi tad-decizjoni tar-Registratur ta' l-Artijiet hija kontradittorja fis-sens li injora l-kwistjoni jekk humiex regolari jew le ma timpingix fuq jekk dawn il-voti humiex semplici jew solenni. L-Artikoli 611(1) tal-Kap. 16 ma jsemmi mkien it-termini *semplici* jew *solenni* imma l-membri ta' ordnijiet religjuzi jew ta' xirkiet religjuzi ta' regolari ma jistghux, wara li jkunu hadu l-voti tal-professjoni jew xirka religjuza, jiddisponu b'testment;

(VII) Illi r-Registratur ta' l-Artijiet mar oltre il-parametri ta' l-istess ligi billi elabora fuq id-definizzjoni ta' solenni jew semplici. Il-punt ta' l-argumentazzjoni ta' l-istess Registratur kellu jkun jekk l-imsemmi soru hix membru ta' ordni religjuz jew ta' xirka religjuza ta' regolari. Infatti z-zewg partijiet u cioe` l-esponent u l-appellata Suor Mansueta Farrugia accettaw li l-istess soru hija soru regolari. Pero` tant ir-Registratur zvija mid-definizzjoni ta' 'regolari' li sahansitra ipprova jiddetta li kien ikun ahjar illi fl-art.611(1) tal-Kap. 16 flok il-kliem *wara li jkunu hadu l-voti* dahal il-kliem *wara li jkunu hadu l-voti 'solenni' (final vows);*

(VIII) Ghalhekk l-esponent jitlob umilment lil dina l-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni dwar kawzjoni kontra sehem registrat bl-LRA623/95G appellata tar-Registratur ta' l-Artijiet u joghgobha tirriforma d-decizjoni appellata billi tirrevokaha u tilqa' it-talba ta' l-esponent bl-ispejjez kollha kontra l-appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' SUOR MANSUETA FARRUGIA GHAR-RIKORS TA' APPELL TA' GIOCCHINO SIVE JACK GALEA</u>**

5. L-appellata Suor Mansueta Farrugia wiegbet hekk:

Illi in linea preliminari, l-appell odjern huwa irritu u null stante illi ma giex intavolat fit-termini stabbiliti mill-Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond il-ligi, u r-regolamenti maghmula bis-sahha taghha, kif ukoll skond il-principji gurisprudenzjali taghha, it-terminu tal-appell jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza jew decizjoni illi minnha qieghed isir l-appell. Issa fil-kaz odjern, id-data effettiva tad-decizjoni tar-Registratur tal-Artijiet hija l-21 ta' Lulju 1998, u t-terminu ta' l-appell seta' biss jibda

jiddekorri minn dik id-data. L-appellant ma intavolax l-appell tieghu fit-terminu stabblit mil-ligi, anzi ghall-kuntrarju intavolah fuori termine, ezattament fl-20 ta' Lulju 1998. Dan kollu jirrendi l-appell tieghu irritu u null u bhala tali din l-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Illi l-istess rikors ta' l-appell huwa wkoll null in kwantu imkien fl-istess rikors ma hemm liema huma u fhiex jikkonsistu l-aggravji illi fuqhom huwa bazat l-istess appell; u huwa wkoll irritu u null ghaliex it-talbiet finali ta' l-appell ma humiex intelligibbli; fis-sens illi l-appellant ma ghamilhiex cara jekk huwiex qieghed jitlob r-riforma tas-sentenza appellata jew huwiex qieghed jitlob ir-revoka taghha;

Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-permess, id-decizjoni tar-Registratur ta' l-Artijiet hija gusta u timmerita konferma.

L-esponenti gia trattat il-lamentela ta' l-appellant dwar id-dikjarazzjoni ta' Suor Maria Antonia Aquilina; u s-sottomissjonijiet taghha gew milqugha mir-Registratur tal-Artijiet illi ha tali dikjarazzjoni in konsiderazzjoni. Kif tajjeb qal ir-Registratur ta' l-Artijiet fid-decizjoni tieghu, kienu **iz-zewg partijiet** illi talbuh joqghod fuq id-dokumentazzjoni illi giet prezentata lilu. Ghaldaqstant, l-appellant huwa illum prekluz mill jerga' jitlob l-isfilz ta' din id-dikjarazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, kif jghid l-appellant innifsu fir-rikors tieghu, ir-rimedju ma hux illi din id-dikjarazzjoni tigi sfilzata, bensi illi jitlob illi Suor Aquilina tikkonferma l-kontenut taghha bil-gurament taghha – haga illi facilment tista' ssir jekk din il-Qorti hekk jidhrilha opportun.

Illi l-kwistjoni kollha ddur fuq il-punt jekk l-esponenti taqax fl-ambitu tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 611 tal-Kodici Civili, cjoe` jekk hijiex jew le membru ta' ordni religjuza jew ta' xirka religjuza ta' regolari **u** jekk haditx il-voti solenni ai termini tal-ligi. Kif tajjeb ikkonkludu ir-Registratur ta' l-Artijiet, l-esponenti ma haditx dawn il-voti solenni ai termini tal-ligi, ghalkemm hija soru regolari. It-trattazzjoni skritta tal-esponenti quddiem ir-Registratur tal-Artijiet kienet immirata sabiex turi illi effettivament il-voti

mehuda minnha ma jistghux jigu kwalifikati bhala ‘solenni’ fis-sens illi trid il-ligi. Ir-Registratur ta’ l-Artijiet wasal ghall-istess konkluzjoni, bensi b’argomentazzjoni differenti minn dik adoperata mill-esponenti. Il *punto d’arrivo* pero` jibqa’ l-istess: l-esponenti ma hijiex prekluza milli takkwista proprjeta` b’wirt ghaliex ma taqax taht il-projbizzjoni kontenuta fl-Artikolu 611 tal-Kodici Civili.

L-appellant ikompli imbaghad jidhol fi kwistjonijiet u f’distinzjonijiet bejn il-kelma ***‘goods’*** u l-kelma ***‘property’***. L-esponenti tissottometti illi l-brani tal-Rule of Life citati minnha fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha juru bic-car illi dan l-istatut ma jaghmilx distinzjoni bejn ‘goods’ u bejn ‘property’. Hekk ukoll hija priva minn kull sens legali r-riferenza tal-appellant ghall-frazi ‘*gharusa ta’ Kristu’.*

Ghaldaqstant l-esponenti tissottometti illi din l-Qorti ghandha tichad l-appell interpost minn Giocchino sive Jack Galea mid-decizjoni tar-Registratur tal-Artijiet b’riferenza ghall-kawzjoni kontra sehem registrat bl-LRA623/95G, u tikkonferma dik id-decizjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

## IR-RISPOSTA TAR-REGISTRATUR TA’ L-ARTIJIET

6. L-appellat Registratur ta’ l-Artijiet wiegeb hekk:
(I) Illi d-decizjoni tar-Registratur ta’ l-Artijiet tal-21 ta’ Lulju 1998 hija gusta u timmerita konferma.

(II) Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti peress li l-prezenza tieghu hija mehtiega biss ghall-iskop ta’ l-eventwali ezegwibilita` tad-decizjoni ta’ din il-Qorti ai termini ta’ l-Art. 51(5) tal-Kap 296, salv pero` li l-esponenti m’ghandux ibati spejjez.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

7. Ikun utli li f’dan l-istadju jigi rilevat qabel xejn li in forza ta’ decizjoni <u>in</u> <u>parte</u> moghtija minn din il-Qorti, kif dakinhar komposta, in data tal-15 ta’ Gunju 2001, gie deciz (i) illi l-eccezzjoni ta’ l-appellata Suor Mansueta Farrugia illi l-appell kien irritu u null stante li dan ma kienx gie intavolat fit-termini stabiliti fil-Kap. 296 tal-Ligijiet ta’

Malta ma kenitx wahda fondata u ghalhekk giet respinta; u (ii) li d-decizjoni mehuda mill-appellat Registratur ta' l-Artijiet fil-21 ta' Lulju, mertu ta' dan l-appell, kienet wahda pjenament fil-poteri tieghu u mhux allura "ultra vires" kif, fl-istadju tat-trattazzjoni, ikkontendiet l-appellata Suor Mansueta Farrugia u li "konsegwentement tali decizjoni (tar-Registratur ta' l-Artijiet) kellha tigi trattata fil-mertu biex din il-Qorti tiddetermina jekk kienitx wahda gusta jew le".

8. Minbarra s-suespost, jigi wkoll rilevat li l-appellant talab li jipproduci provi ulterjuri li kienu jinkludu l-produzzjoni ta' dokumenti – ara verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2002, a fol 56 tal-atti ta' l-appell – "u gie ghalhekk mistieden mill-Qorti biex jifformalizza din it-talba."; l-appellant ghadda biex jipprezenta talba formali b'rikors tieghu datat is-26 ta' Gunju 2002 (fol 58-59 tal-atti), b'dana, pero`, li dawn id-dokumenti xorta wahda jidher li gew inseriti fl-atti. Il-Qorti halliet il-kawza ghal darba darbtejn biex tisma' lill-partijiet dwar l-ammissibilita` o meno ta' dawn id-dokumenti, imma jirrizulta li, b'verbal ulterjuri datat is-7 ta' Ottubru 2002 (fol 75), l-appellata Suor Farrugia irtirat formalment l-oggezzjoni taghha ghall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti fl-istadju ta' l-appell ankorké dan ghamlitu "bla pregudizzju ghal valur probatorju ta' l-istess dokumenti". Il-kawza mbaghad giet trattata fil-meritu – bil-fakolta` ta' skambju ta' noti, liema fakolta` fil-fatt giet ezawrjentament ezercitata mill-kontendenti, ad eccezzjoni ta' l-appellat Registratur ta' l-Artijiet. Incidentalment, din il-Qort darba li ssemma' l-appellat Registratur ta' l-Artijiet, ma tistax ma tesprimix certa rizerva ghall-mod kif id-difensur legali tal-appellat Registratur, fir-risposta tieghu ghall-appell promotorju, jikkwalifika l-presenza tieghu fl-atti (ara fol 10 ta' l-atti) bhala wahda "mehtiega biss ghall-iskop ta' l-eventwali ezegwibilita` tad-decizjoni ta' din il-Qorti ….", ghaliex fir-realta` din il-vertenza hija rizultat ta' decizjoni mittiehda minnu. Indipendentement ghalhekk mill-konsiderazzjoni dwar jekk finalment l-appellat Registratur iddecidiex korrettement je le, il-presenza tieghu fl-atti kellha wkoll sservi biex hu jkun fl-ahjar qaghda biex "jiddefendi" l-operat tieghu bhala funzjonarju ta' l-Istat. Fil-fatt, din il-Qorti sa ordnat biex tisma' d-deposizzjoni tieghu

biex jelucida certi punti dwar il-funzjonijiet tieghu bhala Registratur ta’ l-Artijiet.

9. Fl-ahharnett, jigi rilevat li fost id-dokumenti li l-appellant ipprezenta quddiem din il-Qorti, bl-adezjoni ta’ l-appellata, kien hemm xi whud minnhom li kienu gja` ngiebu ghall-konsiderazzjoni tar-Registratur bhalma huma d-Dok A (a fol 61) u Dok B (fol 62-64) u li allura certament ma setax jinghad li l-appellant u d-difensur tieghu “ma kellhomx l-opportunita` li jipprezentahom mar-rikors ta’ appell” ghax “skoprihom” (!) wara.

L-appellant esebixxa inoltre kopja ta’ att pubbliku maghmul quddiem in-nutar Dottor Francesco Refalo in data tat-12 ta’ April 1950, li ma jidhirx li sar riferenza ghalih quddiem l-appellat Registratur. Il-fatt wahdu li att pubbliku gie esebit bhala prova ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti ta’ Appell diga` huwa proceduralment skorrett pero`, kif gja` inghad, il-kontroparti appellata m’oggezzjonatx ghall-produzzjoni tieghu. Dan maghdud pero`, ma jfissirx li l-appellant b’daqstant seta’ javanza sottomissjoni <u>gdida</u> li ma ngabitx qabel quddiem ir-Registratur ta’ l-Artijiet. Bis-sahha ta’ dan id-dokument l-appellant ried juri li fil-fatt is-sehem ikkontestat dwar “il-fond imsemmi jikkonsisti f’nofs indiviz lill-mejta Maria Antionia Farrugia” u dan allura wassal biex fid-decizjoni appellata dan il-fond “gie erronjalment (sic) iddikjarat” mir-Registratur bhala wiehed “li jappartjeni <u>in</u> <u>toto</u> lil Marija Antonia Farrugia” mentri fir-realta` l-appellata Suor Farrugia kellha <u>se</u> <u>mai</u> biss porzjoni ta’ wiehed minn tmienja (1/8) mill-fond bin-numru 32 u 33, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex u mhux porzjoni ta’ kwart (1/4). Din il-Qorti bla tlaqliq hija tal-fehma li anke kieku stess dak li qed jissottometti odjernament l-appellant huwa korrett, hija ma tistax f’dan l-istadju tiehu konjizzjoni ta’ sottomissjoni ta’ din ix-xorta. Minn ezami tal-provi prodotti quddiem l-appellat Registratur jirrizulta car u tond li l-<u>appellant stess</u> jirreferi kostantement ghal prozjoni ta’ wiehed minn erbgha (1/4) bhala dak li kien qed jigi vantat mill-appellata Suor Farrugia u mkien ma jikkontesta tali kwota. L-appellant ma jistax proceduralment fil-mori ta’ l-appell jissottometti li d-decizjoni appellata kienet ukoll

zbaljata ghax kien hemm zball f'dak li gie rregistrat mir-Registratur meta tali "zball" qatt ma kien jifforma parti mis-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet quddiem ir-Registratur. Apparti mill-fatt li dawn id-dokumenti gew prodotti proprju fl-istadju tat-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti.

10. Jifdal l-oggezzjoni preliminarja sollevata mill-appellata li l-appell huwa null ghal mod kif gie redatt il-korp tar-rikors ta' appell u n-nuqqas ta' kjarezza fit-talba ta' l-appellant.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dana l-aggravju, hija tal-fehma li l-korp tar-rikors huwa sufficjentement immotivat biex juri sewwa sew x'inhuma l-aggravji ta' l-appellanti. Huwa minnu li l-parti koncernanti t-talba hija pjuttost ingarbuljata minn punto di vista' ta' formulazzjoni legali imma din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed jitlob l-appellant minn din il-Qorti huwa sufficjentement car. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qeghda tigi respinta.

11. Il-mertu ta' l-appell, minkejja l-argumenti ripetuti tal-partijiet, m'huwiex daqstant kompless ghalkemm il-kwistjoni dehret li eskalat mhux hazin fir-rapporti ta' bejn il-posizzjoni mehuda mill-appellant u l-operat ta' l-appellat Registratur.

Jirrizulta li b'testment maghmul mill-mejta Maria Antonia Farrugia fl-20 ta' Ottubru 1978 fl-atti tan-nutar Maurice Gambin il-fond bin-numri 32 u 33, fi Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex, thalla f'erba ishma ndaqs lill-werrieta taghha, porzjoni mil-liema, igifieri kwart (1/4), lill-appellata Suor Mansueta Farrugia. Dan il-fond li ddevolva "causa mortis" kwantu ghal wiehed minn erba' parti (1/4) fuq l-appellata gie debitament registrat mir-Registratur ta' l-Artijiet – ara LRA 623/959. L-appellant Giocchino sive Jack Galea oggezzjona ghal tali registrazzjoni u pprezenta dik li tissejjah kawzjoni billi rritjena li "dina r-registrazzjoni tal-kwart indiviz" li gie mholli lill-appellata "ma ghandha l-ebda bazi legali peress li in vista ta' l-artikolu 611(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif inhi l-prassi tal-Qrati Maltija u cjoe` li kull proprjeta` immobbli u/jew mobbli li tiddevolvi fuq membri religjuzi ta' regolari ghandha tghaddi fuq il-persuni li kapaci jirtu u jiddisponu

fuq il-persuna/i li jaccetta tali wirt". Jidher li quddiem ir-Registratur ta' l-Artijiet, il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom kemm permezz ta' dokumentazzjoni in iskritt u sottomissjonijiet orali u wara li huma tawh espressament il-fakolta` li jirreferi ghall-atti kollha li gewipprezentati ghall-konsiderazzjoni tieghu, ir-Registratur spicca biex cahad it-talba, ghal fini ta' korrezzjoni, maghmulha lilu mill-appellant. Effettivament, l-appellant qieghed issa jezercita d-dritt moghti lilu bil-ligi li jappella quddiem din il-Qorti mid-decizjoni tar-Registratur ta' l-Artijiet.

12. Billi sa dana l-istadju l-appellant ghadu jinsisti li d-dikjarazzjoni maghmulha minn Suor Maria Antonia Aquilina, Superjura Provincjali tas-Sorijiet tal-Karita` tigi sfilzata mill-atti billi din messha saret per via ta' affidavits, tajjeb li jigi rilevat li mill-verbali ta' l-atti quddiem ir-Registratur tal-Artijiet jirrizulta li l-avukati taz-zewg partijiet, permezz ta' ittra kongunta datata 5 ta' Gunju 1998 (fol 34), iffirmata miz-zewg avukati li kienu qeghdin jippatrocinaw lill-partijiet, qablu li r-Registratur jipprocedi ghall-konkluzjoni "fuq id-dokumenti esebiti fil-file tal-kawzjoni in kwistjoni". Stabbilit dan il-fatt, il-Qorti ma tifhimx kif issa, u wara li r-Registratur ma laqax it-talba ta' l-appellant, l-istess appellant jippretendi li dokument partikolari li lilu ma joghgbux ghax ma jghinx it-tezi tieghu ghandu d-dritt li jitlob l-isfilz tieghu f'dan l-istadju. Wara kollox, l-istess appellant qieghed isejjes parti mit-tezi tieghu fuq semplici kopji ta' ittra u ta' santi, xi whud minn liema mhux biss jikkonsistu f'fotokopji imma addirittura jidhru li gew ezebiti rashom 'l isfel (!) – hekk ara Dok A, a fol 61, u dak fol 61 a tergo. Fil-meritu pero` l-punt li jrid realment jigi deciz minn din il-Qorti huwa jekk l-appellata setghetx tircievi b'testment una volta li jirrizulta li hija kienet gja` soru f'ordni religjuz, dak igifieri tas-Sorijiet tal-Karita`. Filwaqt li z-zewg appellati jsostnu li dan kien possibbli, l-appellant qieghed isostni li dan m'huwiex possibbli ghaliex huma espressament ipprojbit bl-artikolu 611 (1) (2) u (3) tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16).

13. Il-partijiet, ghal dak li jirrigwarda fatti, qeghdin jaqblu li;

(i) l-appellata Suor Mansueta Farrugia giet imhollija sehem mill-fond bin-numri 32 u 33, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Ghawdex, in forza ta' testment ta' Maria Antonia Farrugia, xebba, illum mejta, liema testment sar min-nutar Maurice Gambin fl-20 ta' Ottubru 1978 fid-disgha ta' filghodu;

(ii) ir-Registrazzjoni ta' dan is-sehem fuq il-fond giet fis-sehh a bazi ta' l-atti "causa mortis" ippubblikati min-Nutar Paul G. Pisani fis-27 u 28 ta' Luju 1995;

(iii) Suor Farrugia hija soru regolari fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Karita` fil-Konservatorju Veskovili fir-Rabat, Ghawdex.

(iv) l-appellant jikkontendi li ai termini tal-Artikolu 611 tal-Kap. 16 l-appellata Suor Farrugia ma setghetx legalment tiret, filwaqt l-appellata tikkontendi li hija ma hijiex hekk prekluza.

14. L-artikolu 611 tal-Kap. 16 jiddisponi kif gej:-
"611 (1) Il-membri ta' ordnijiet religjuzi, jew ta' xirkiet religjuzi ta' regolari ma jistghux, wara li jkunu hadu l-voti tal-professjoni jew xirka religjuza, jiddisponu b'testment.

(2) Lanqas ma jistghu dawk il-persuni jircievu b'testment, hlief xi vitalizju zghir, bla hsara ta' kull projbizzjoni ohra stabbilita mir-regoli ta' l-ordni jew tax-xirka li jkunu fihom.

(3) Kemm il-darba dawk il-persuni jigu mahlulin skond il-ligi mill-voti taghhom, huma jergghu jakkwistaw il-kapacita` li jircievu b'testment, kif ukoll li jiddisponu mill-beni li jkunu akkwistaw wara, u kull disposizzjoni maghmula favur persuna li fi zmien il-mewt tat-testatur kienet membru ta' ordni religjuz jew ta' xirka religjuza ta' regolari ghandha tibqa' sospiza sakemm dik il-persuna jew tigi mahlula mill-voti taghha kif imsemmi qabel jew tmut filwaqt li tkun ghadha membru ta' dik l-ordni jew xirka, u ghandha tkun bla ebda effett jekk il-persuna, li tkun saret favur taghha, tmut filwaqt li tkun ghadha membru bhal dak."

Ghall-applikazzjoni tas-sub-inciz (3), ara l-artikolu 4 tal-Att V ta' l-1993.

15. L-appellant, filwaqt li jibbaza ruhu fuq il-premessa li l-appellata Suor Farrugia kienet u ghadha "soru regolari", ma jghid xejn dwar jekk din haditx jew le l-voti tal-professjoni jew xirka religjuza li taghha tkun saret membru. Fil-fehma tal-Qorti izda, u f'dan is-sens qeghda taqbel perfettament ma' dawk il-konsiderazzjonijiet maghmula mir-Registratur, il-pern tal-kwistjoni jholl u jorbot proprju fuq dan il-punt. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li tistrieh fuq il-fatt wahdu li persuna tkun dahlet f'ordni religjuza imma jinhtieg wkoll li jirrizulta li tkun hadet il-voti tal-professjoni jew xirka religjuza li tkun biex wiehed ikun jista' jghid u jiddecieda ezattament tapplikax jew le l-projbizzjoni komminata mil-ligi civili taghna. Tajjeb ukoll li jigi rilevat li skond il-ligi kanonika minn dak li jemergi mill-atti l-voti li jittiehdu minn dawk li jissiehbu fl-ordnijiet religjuzi m'humiex kollha ta' l-istess portata ghax fil-fatt jirrizulta li hemm dawk li jissejhu voti semplici u dawk li jissejhu voti solenni, u li huma dawn ta' l-ahhar li jwasslu biex l-imxierek jirrinunzja formalment mid-dritt civili li jircievi beni.

16. Fid-dikjarazzjoni in iskritt maghmula minn Suor Antonia Aquilina, Superjura Provincjali tas-Sorijiet tal-Karita`, in data tal-21 ta' Dicembru 1997 – a fol. 22 ta' l-atti quddiem ir-Registratur ta' l-Artijiet – hemm iddikjarat li l-appellata Suor Mansueta Farrugia "qatt ma hadet il-voti solenni ta' poverta`, ta' kastita` u ta' ubbidjenza u ghalhekk skond l-istess regoli taghna hija ghadha kapaci illi tiret, takkwista u tbiegh proprjeta". Fl-istess dikjarazzjoni hemm riferenza ghall-pagna 57 tar-"Rule of Life" kontenuta fl-Istatut 3.3.12 tal-ordni fejn jinghad (bl-ilsien Ingliz) inter alia, li
"Each sister keeps the radical ownership of her personal goods and the right to acquire others…."

L-appellant Galea ma jikkontradixxix din id-dikjarazzjoni imma, apparti t-talba ghall-isfilz taghha, jissottometti li l-kelma "goods" ma tapplikax ghall-immobbli. Skond hu, (ara ittra legali tieghu bla data lir-Registratur) (fol 24 tal-

imsemmija atti), din il-fakolta` ta’ pussess qeghda tirreferi biss ghall-oggetti personali li soru tista’ tuza normalment ghall-bzonnijiet taghha ta’ kuljum ghaliex altrimenti l-kelma li kienet jew kellha tintuza hija “property”.

17. Din il-Qorti fl-ewwel lok jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li l-kelma Ingliza “goods” tintuza l-aktar ghal oggetti u effetti mobili pero` ma jfissirx bilfors li m’ghandhiex xorta wahda tifsira usa. Il-kelma Taljana “beni”, per ezempju, tintuza kostantement biex tkopri wkoll l-immobbli. Izda jekk qatt kien hemm xi dubbji, il-bqija ta’ dak li hemm imnizzel fl-Istatut ta’ l-Ordni surreferit, u li ghalih ghamlet referenza Suor Aquilina fid-dikjarazzjoni taghha, ghandu jirrisolvi kwalsiasi dubbju. Fil-fatt paragrafu 3.3.12 ta’ l-Istatut ikompli hekk
“but the novice, before her first commitment, must transfer to another person the administration of her property and dispose freely of its use and revenue in favour of the poor of her choice.”

18. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti – li ghal xi raguni li din il-Qorti ma tifhimx hija esebita doppjament fl-atti, haga din li tirrepeti ruhha f’appelli li jigu mill-gzira ta’ Ghawdex (ara fol 80 – 92 tal-atti fl-appell) – l-appellant jaghmel riferenza kemm ghas-sentenzi moghtijin mill-Qrati ta’ Malta kif ukoll ghad-dottrina li tohrog minn kitbiet ta’ guristi bhal Baudry–Lacantinerie u anki ghan-Noti tal-Professur Caruana Galizia. Issa dak li hemm f’dawn ir-referenzi u kitbiet huwa kollu korrett <u>pero` darba li ma jirrizultax li l-appellata qatt irrinunzjat ghad-drittijiet taghha civili</u> u dan in vista tal-fatt li ma haditx dawk il-voti (solenni) li jqeghdha taht il-projbizzjoni tal-Kodici Civili, allura jsegwi li dak li jinghad f’dawn is-sentenzi u dottrina legali <u>ghandu japplika biss</u> f’dawk il-kazi fejn membru ta’ ordni religjuza jkun ipprofessa <u>voti solenni</u>. Fil-fatt, ezami akkurat tas-sentenzi citati mill-appellant innifsu juri li trid issir, u tinzamm allura, distinzjoni bejn dik li hija <u>l-amministrazzjoni tal-proprjeta`</u> u <u>d-dritt li wiehed jiddisponi minnha</u>. Hekk, per ezempju, fid-decizjoni “Francesco Sammut vs Grazia Sammut” (Qorti tal-Appell, 21 ta’ Novembru 1937), jinghad li,

"le suore (del Buon Pastore), nell'emettere i voti anche perpetwi, si spogliano dell'amministrazione e dell'uso, ma non del dominio radicale delle proprie sostanze, delle quali possono disporre reciprocamente per atti tra vivi e di ultima volonta`."

F'paragrafu 33 tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol 91), l-appellant Galea isostni li din il-Qorti "ghandha d-dokumentazzjoni kollha mehtiega fejn turi li l-appellata hija verament membru li pprofessat il-voti solenni". F'dan il-kuntest esebixxa santa (!) ta' tifkira tal-gublew taghha b'dicitura fiha li tghid li Suor Mansueta Farrugia saret gharusa ta' Kristu u kliem iehor li jsemmi dak li l-appellata suppost irrinunzjat ghalih. Giet esebita inoltre kopja ta' ittra (wahda ta' canfira in realta` kontra l-agir ta' l-appellant) miktuba min-neputi tal-appellata Reverendu Dun Guzepp Galea, in data tal-11 ta' April 1988, fejn l-appellata giet deskritta bhala "soru regolari". Bir-rispett kollu, din il-Qorti jidhrilha li assolutament ma tistax tistrieh fuq il-valur probatorju ta' provi bhal dawn. Dak li htieglu jipprova l-appellant, izda li ma rnexxielux huwa li effettivament l-appellata ghamlet xi att bil-ligi jew skond l-Ordni Religjuz taghha mnejn jirrizulta kjarament li hija rrinunzjat ghad-drittijiet civili taghha li tircievi jew li tiddisponi mill-gid taghha. Din il-prova ma saritx ghax fil-fatt ma tezistix. Ghalhekk l-aggravji ta' l-appellant huma lkoll infondati.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tichad l-appell interpost minn Giocchino sive Jack Galea, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------